MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2011

Numru. 589/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**vs**

**Carmelo Ellul ta' 47 sena, bin Joseph u Mary nee` Galea, imwieled l-Imqabba, fid-19 ta' Awissu 1963, residenti f'Katrina, Triq Zakkarija Ronkoli, Zurrieq u detentur tal-karta tal-identita` 448663M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat Carmelo Ellul li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, bejn Lulju 2010 u Ottubru 2011, uzat xi energija elettrika jew xi stallazzjoni, apparat, strument jew l-accessorji taghhom, provduti minn Enemalta, sew direttament jew indirettametn, ghal ghanijiet diversi minn dawk  li ghalihom kienu provduti;

kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe` ghamel approprijazzjoni bla jedd ta' energija elettrika jew xi stallazzjoni, apparat, strument jew l-accessorji taghhom, provduti minn Enemalta, liema energija elettrika, stallazzjoni, apparat, strument jew l-accessorji taghhom, kienu gew fdati gew ikkinsinnati lilu minaba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu.
Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsdra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfornt tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija u l-fedina penali tal-imputat li mhijiex xi wahda allarmanti. Inoltre irrizulta fil-hin tat-trattazzjoni illi l-imputat ikkopera mal-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 44(1)(2), 46(1) tal-Kapitolu 272 tal-Ligijiet ta' Malta u artikolu293 u 294 tal-Kapitolu 9 issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmulha u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tillibera lill-

imputat bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------